MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Avviz Numru. 1557/2000/1

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-Ligi fid-drittijiet tal-assikurata taghha Sharon Gatt u l-istess Sharon Gatt u b'nota tas-17 ta' Mejju 2004 is-socjeta Elmo Insurance Ltd bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurata taghha Sharon Gatt assumiet l-atti**

**Vs**

**Noel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma' ghandux

1. jigi dikjarat responabbli ghall-kollizjoni li grat fil-21 ta' Gunju 2000 fi Triq l-Imdina, Zebbug bejn il-vettura AAN

525 misjuqa mill-attrici Sharon Gatt assikurata mal-kumpanija attrici, u l-vettura EAF 593 misjuqa mill-konvenut billi din grat minhabba in-negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti tal-konvenut, u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;
2. jigi kundannat ihallas is-somma ta' seba' mija tmenin lira Maltin tmienja u sebghin centezmu (Lm780.78) in linja ta' danni kwantu ghal seba mija hamsa u hamsin lira Maltin tmienja u sebghin centezmi (Lm755.78) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sburzat taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attrici bhala s-somma li baghtiet minn butha.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu 2000 u tal-ittra ufficjali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% fis-sena mill-25 ta' Awissu 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet kollha attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kollha kontra l-istess atturi, u dana stante li l-incident awtomobilisitku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda sehh unikament tort ta' l-attrici Sharon Gatt.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati mill-atturi huma esagerati.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 55 u fol 56 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>PC 286 Thomas Attard</u> (fol 21 sa fol 27 tal-atti) esebixxa kopja tal-<u>iskizz</u> u tar-<u>rapport</u> maghmuilin minnu relattivament ghal dan l-incident u minn dawn id-dokumenti jidher li kienu involuti zewg vetturi ossija dik misjuqa mill-attrici bin-numru AAN 525 u 'truck' misjuq mill-konvenut, bin-numri EAF 593. Oltre li tigi notata l-

lokalita kif risultanti mill-istess skizz kif ukoll il-posizzjoni tal-vetturi wara l-habta in esami kif tidher mill-istess dokument fir-rapport hemm imnizzel illi l-attrici kienet stqarret "a caldo" li "kont niezla wara t-truck fuq <u>in-naha ta' gewwa</u> hu hareg il-barra biex jidhol fil-fabrika (lejn ix-xellug) imma waqaf. Jiena ppruvajt nevitah imma habat waqt li l-konvenut da parti tieghu sostna "Kont niezel lejn Haz Zebbug fuq in-naha ta' barra xeghelt l-indicator biex indur ghal gol-fabrika. Il-karozza l-ohra niezla warajj(h)a u baqghet diehla go fina". Inoltre meta inghatat id-deskrizzjoni tal-hsarat fl-istess vetturi, jidher li dik kawzata fit-'truck' kienet fuq wara fuq ix-xellug waqt li dik kostatata fil-vettura misjuqa mill-attrici kienet fuq quddiem fuq il-lemin (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>PC 322 Marvin Busuttil</u> a fol 28 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attrici</u> (fol 40 et seq ibid) sostniet fix-xhieda taghha illi kienet qed issuq 'fuq in-naha ta' barra tat-triq ("mas-'cente strip') waqt li quddiemha, "il-boghod … qiesu tul ta' tlett karozzi", kien hemm it-'truck' misjuq mill-konvenut u li '…. Kien mal-hajt tan-naha l-ohra". Hawnhekk u f'daqqa wahda rat l-istess 'truck' bl-'indicator' jigi mixghul fid-direzzjoni lejn ix-xellug u jinhareg "… fuq il-lane tieghu" lejn il-lemin u jieqaf 'zoptu'. Minhabba li nhasdet b'din il-manuvra hi ghafset il-'brake' u dawret l-'steering' lejn ix-xellug taghha, sabiex tevita l-habta. Pero, xorta wahda, laqtet l-istess 'truck' fuq wara lejn ix-xellug. In rigward il-hsarat fil-vettura misjuqa minnha, dawn kienu kemm fuq quddiem kemm fuq il-genb tal-lemin. Dwar l-imsemmi <u>skizz</u>, hi ma kienetx qablet mieghu in vista li t-'truck' kien spicca "…aktar angolat mas-'centre strip'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tal-<u>konvenut</u> (fol 46 et seq ibid) spjega li hu kien qed jsuq "mechanical horse" u peress li kellu jdur lejn ix-xellug, hu kien xeghel l-'indicator' sabiex jindika li ser jaghmel dan "… <u>u hrigt qiesu zewg piedi minn mal-hajt (lejn il-lemin) biex nkun nista' ndur</u>". Kif, pero', kien ser jdur, hu kien sema' l-hoss ta' 'brake' "qawwi" u saret il-

habta billi ntlaqat fuq in-naha tax-xellug tat-'truck'. Hu, ukoll, sostna li l-iskizz imsemmi ma kienx preciz in vista li t-'truck" uzat minnu kien vicin aktar lejn il-hajt fuq ix-xellug tieghu.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati il-provi principali, jidher mill-premess illi l-kawza ta' dan l-incident kienet il-manuvra esegwita b'mod negligenti mill-konvenut, kif deskritta mill-attrici u kif sostanzjalment giet konfermata mill-istess konvenut. Difatti dan, stess, xehed illi sabiex jkun jista' jdur lejn ix-xellug tieghu, hu hareg u dar lejn il-lemin u b'hekk invada l-karreggjata l-ohra li fuqha kienet qed issuq l-attrici. Dwar l-istess manuvra, l-konvenut semma' biss li xeghel l-"indicator" lejn ix-xellug waqt li mix-xhieda tieghu stess ma jidhirx li, qabel ma beda jesegwiha, effettivament, accerta ruhu li ma kienx hemm traffiku iehor warajh fuq il-lemin tieghu u b'hekk ikkawza din il-kollisjoni. In rigward l-attrici l-Qorti ma rriskontratx xi nuqqas da parti taghha u b'hekk din ma tistax tigi ritenuta b'xi mod responsabbli ghall-istess incident anke f'livell ta' kontributorjeta.

Ikkunsidrat

Illi l-'quantum' ta' danni pretiz li ma giex kontestat ghandha ssir referenza ghax-xhieda ta' Joseph Mula u d-dokumenti esebiti minnu (ara fol 30 sa fol 38 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsablbi ghall-incident in esami u dan minhabba negligenza, imprudenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. tillikwida l-ammont totali ta' danni fis-somma ta' Lm780.78,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm755.78,0 u lill-attrici Sharon Gatt is-somma ta' Lm25 bl-imghax legali mill-25 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes

inklusi dawk tal-ittri ufficali tal-25 ta’ Awissu 2000 u tad-9 ta’ Novembru 2000 imsemmija fl-avviz in esami.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------